MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 186/2013

**Jacs International Ltd.**
**(C12974)**
**Vs**

**Celebrity Communications Ltd.**

**(C22430)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Marzu, 2013 fejn is-socjeta' attrici tablet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess attrici is-somma ta' elfejn disa' mija tlieta u sebghin Ewro u sittin centezmu (€2973.60) rapprezentanti servizzi professjonali rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tad-Direttur tas-socjeta' konvenuta, Mario Vella Gatt, datat 4 ta' Lulju, 2012, u dan skond ma jirrizulta mill-fattura mahruga mis-socjeta' attrici tat-12 ta' Lulju, 2012 (Dok. A) u dana peress illi minkejja diversi interpellanzi mibghuta mill-istess socjeta' attrici kif

ukoll tramite ittra legali sussegwenti datata 26 ta’ Lulju, 2012 (kopja ta’ liema qed tigi annessa bhala Dok.B), is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura tat-12 ta’ Lulju, 2012 sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Is-socjeta’ konvenuta pprezentat risposta fl-24 ta’ April, 2013 fejn eccepiet illi mhux minnu li l-intimati inkarigaw lir-rikorrenti biex jaghmel xoghol izda kien ir-rikorrenti, li dak iz-zmien kien gharus mad-direttrici l-ohra tal-kumpanija, Annabelle Attard, li pprezenta proposta lill-intimat liema proposta l-intimat qal li ma kienetx ekonomikament vjabbli;

Illi bl-akbar rispett, mhix il-fattura tar-rikorrenti li tixhed xi forma ta’ ingaggament jew struzzjoni ta’ inkarigu moghti mill-intimati lir-rikorrenti, u konsegwentement jinkombi fuq ir-rikorrenti li jgib prova ta’ l-inkarigu tieghu;

Illi r-rikorrenti jrid jaghti prova tax-xoghol li allegatament ghamel;

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti ngunt ghas-subizzjoni.

Xehed Carlo Stivala , direttur tas-socjeta’ attrici. Spjega li ltaqa ma’ Mario Vella Gatt li huwa shareholder fill-kumpanija konvenuta u ngaggah biex jippresta s-servizzi tieghu fl-4 ta’ Lulju, 2012. Wara nharget invoice mis-socjeta’ attrici liema fattura ma thallsitx. Dan ix-xhud spjega illi s-servizzi tieghu kien itterminhom huwa stess. Fix-xhieda tieghu jichad illi l-inkarigu tieghu gie tterminat fl-istess gurnata ta’ ngagg u cioe’ fl-4 ta’ Lulju, 2012. Fill-

fatt dan id-dokument ix-xhud jghid li qatt ma rah. Hu kien biss  iffirma termination letter li kienet minghajr data. Jispjega wkoll illi fl-inkarigu tieghu qatt ma specifika r-rata li biha ser jithallas. Jghid pero illi s-servizzi tieghu ma tterminhomx ghax ma kenx qed jithallas izda ghaliex ma qabilx mal-mod ta' tmexxija.

Xehdet Annabelle Attard li kienet Direttrici u shareholder fis-socjeta' konvenuta izda rrizenjat minn  Direttrici fit-2012. Meta darba kienet qed titkellem mad-direttur l-iehor tas-socjeta' konvenuta intoducitu mal-partner taghha u cioe' Carlo Stivala, direttur tas-socjeta' attrici u kien dan li qalilha illi qablilha li setgha jghinhom fit-tmexxija tar-restructuring tal-kumpanija. Spjegat illi kien hemm diversi meetings u wara nharget ittra ta' engagement.  Meta nharget l-ittra ta' engagement Mario Vella Gatt ried illi tigi ppreparata termination letter biex tkun lesta ghal quddiem. Pero din it-termination ma kelliex data.

Xehed Mario Vella Gatt in raprezentanza tas-socjeta' konvenuta u jghid illi l-kumpanija kellha bzonn ristrutturar peress illi wara li waqfet tmexxi kien ingaggat Chris Grech li ma mexiex kif xtaqu huma u l-kumpanija tilfet hafna flus. Kien ghalhekk li ntroducietu ma' Carlo Stivala, l-partner taghha, u qalet li kien espert finanzjarju u x-xhud laqghu b'hekk. Ix-xhud spjega illi l-prezenza ta' Carlo Stivala kienet minima hafna ta' madwar erba' darbiet u xoghol ma sarx hlief ilataqghu ghall-ikel u Stivala baghat e-mail.

Xehed ukoll Vladimir Cutajar Forte.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda kollha jinnota illi z-zewg kumpaniji ma mxewx b' mod korrett fill-konfront ta' xulxin. Min-naha tas-socjeta' konvenuta din turi illi mill-bidu nett kienet taf li ser jinqala xi haga u pprezentat termination letter fl-istess data tal-engagement. Dan juri nuqqas ta' *buona fede* da parti tas-socjeta' konvenuta. Da parti tas-socjet'a attrici din qatt ma specifikat l-ammont li ser tithallas bih u ghax-xoghol li sar dan zgur huwa ammont ezagerat. Ghalhekk b'ekwita T-Tribunal jilqa t-talba attrici limitament ghas-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200). Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-Kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------